# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 10**

**Rikors numru 1017/19/1 GM**

**Sarah Engener**

**v.**

**L-Onorabbli Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali llum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 2021 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, astjeniet milli tqis l-ewwel eċċezzjoni, ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri, laqgħet it-tieni eċċezzjoni u ħelset lill-Ministru intimat mill-ħarsien tal-

ġudizzju, laqgħet it-tielet eċċezzjoni, astjeniet milli tqis ir-raba' eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti"), bl-ispejjeż kontra tagħha;

2. Bl-azzjoni tagħha, l-appellanti kienet talbet lil dik il-Qorti ssib li (i) n-nuqqas ta' deċiżjoni jew id-dewmien fl-għoti ta' deċiżjoni min-naħa tal-awtoritajiet għat-talba tagħha li tingħata *warrant* ta' avukat kisrilha l-jedd tagħha għax-xogħol, il-jedd tagħha għal moviment ħieles u l-jedd tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u l-għoti ta' rimedju effettiv kif imħarsa fl-Artikoli 15, 41 u 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea; (ii) l-intimati, jew min minnhom, naqsu li jħaddmu sewwa u kif titlob il-liġi d-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u/jew id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali fil-konfront tagħha; (iii) hija kien ilha tipprattika taħt titolu professjonali tal-pajjiż tal-oriġini (ir-Renju Unit) bħala "*barrister*" u li effettivament u regolarment eżerċitat f'Malta xi attività professjonali għal minn tal-anqas tliet (3) snin; (iv) hija għandha jedd tikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u li titħalla teżerċita taħt titolu professjonali li jkun jaqbel għal dik il-professjoni f'Malta bla ħtieġa li jkollha toqgħod għall-kundizzjonijiet maħsuba fir-regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali[1] u d-Direttiva 98/5/KE; (v)

[1] A.L. 273/02 (L.S. 12.17)

tordna lill-intimati jew lil min minnhom biex minnufih u bla aktar dewmien joħorġulha awtorizzazzjoni skont is-sub-regolament 6(5) tal-imsemmija Regolamenti u tal-imsemmija Direttiva u/jew joħorġulha Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni legali taħt it-titolu professjonali li jkun jaqbel għal dik il-professjoni f'Malta, jiġifieri "*Avukat*"; u (vi) tordnalhom jagħtuha kull rimedju ieħor xieraq u opportun, magħdud iżda mhux limitat għall-kundanna tal-intimati li jħallsuha kumpens għad-danni pekunjarji u morali minħabba l-ksur tal-jeddijiet tagħha kif stabbiliti u mħarsin kemm bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll mid-Direttivi 98/5/KE u 2005/36/KE (kif sussegwentement emendati);

3. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu (i) li t-talba attriċi mhijiex ammissibbli minħabba li hija waħda vaga u ma jingħadx x'inhu l-jedd li fuqu hija msejsa l-azzjoni kollha; (ii) li l-Ministru mħarrek mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi fuq is-saħħa ta' dak li jgħid l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) li r-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali ma jgħoddux għall-każ tal-attriċi għaliex dawn tħassru u minflokhom saru r-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali tal-2007[2]; u li (iv) l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma tgħoddx għall-

[2] A.L. 422/07 (L.S. 451.03)

każ tal-attriċi għaliex dak l-att jgħodd esklussivament għall-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għall-Istati Msieħba biss meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni (Art. 5(1) tal-Karta). Fil-mertu, laqgħu billi, għar-raġunijiet imfissra minnhom f'għaxar taqsimiet, qalu li l-allegazzjonijiet tal-attriċi kienu għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Aktar 'il quddiem, l-imħarrkin kienu qajmu n-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi (nullità) permezz ta' tweġiba ulterjuri;

4. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> ***Eċċezzjonijiet preliminari.***
>
> *It-tieni eċċezzjoni hija valida. F'dan il-każ l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet mill-Ministru tal-Ġustizzja għaliex din tittieħed mill-President tar-Repubblika. Lanqas hemm xi "kap tad-dipartiment tal-gvern" inkarikat fil-materja in kwistjoni (Art. 181B Kap 12). Il-persuna nkarikata f'dan il-każ huwa l-President li iżda ma jistax jitħarrek. Għalhekk il-Gvern f'din il-kawża għandu jiġi rrappreżentat mill-Avukat tal-Istat, b'applikazzjoni tal-Art. 181B(2) tal-Kap 12 – disposizzjoni li ġiet miżjuda fil-kodiċi ritwali apposta għal meta minħabba n-natura tat-talba ma jkunx jista' jiġi identifikat xi kap (jew kapijiet) ta' xi dipartiment (jew dipartimenti) tal-Gvern.*
>
> *L-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz ta'* nota[3] *tal-attriċi li spjegat li l-azzjoni tagħha hija waħda ta' judicial review, li iżda, tissokta tippreċiża, ma taqax taħt l-Art. 469A tal-Kap 12. B'danakollu in segwitu tan-nota tal-attriċi il-konvenuti daħħlu risposta ġuramentata ulterjuri li fiha eċċepew li l-azzjoni hija nulla u improponibbli abbażi tal-poter residwali ta' din il-Qorti billi l-Awtorita` Nominata li allegatament ma tatx ir-risposta tagħha lir-rikorrrenti ma tikkostitwixxix awtorita` ġudizzjarja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, il-kwistjoni hija waħda ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv li taqa' taħt il-kappa ta' għemil ultra vires u għalhekk hu applikabbli l-Art. 469A tal-Kap 12. L-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ma tagħmilx sens għaliex biex ikun jista' jiġi attakkat għemil amministrattiv ma jfissirx li jkun maħruġ minn awtorita`*

[3] Fol. 32

*ġudizzjarja. Anzi, għemil bħal dan spiss joħroġ mill-organi tal-amministrazzjoni pubblika, li jistgħu jkunu, iżda spiss ma jkunux ukoll, ta' natura kwazi ġudizzjarja.*

*Ikkunsidrat:*

***Mertu.***

*Il-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti ddur fuq żewġ Direttivi tal-Unjoni Ewropea, trasposti fil-liġi ta' Malta:*

*- Directive 98/5/EC (16 ta' Frar 1998) to facilitate practice of the profession of lawyer on a permanent basis in a Member State other than that in which the qualification was obtained, trasposta permezz ta' Avviż Legali 273/2002; u*

*- Directive 2005/36/EC (7 ta' Settembru 2005) on the recognition of professional qualifications, trasposta permezz ta' L.S. 451.03.*

*Il-partijiet jaċċettaw li dawn id-Direttivi ġew trasposti korrettement fil-liġi ta' Malta. Għalhekk, a skans ta' ripetizzjonijiet u ta' tul żejjed, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għad-Direttivi biss, anke jekk għandu jitqies li meta tagħmel hekk tkun ukoll qiegħda tirreferi wkoll għal-liġi Maltija traspożitanti.*

*Waqt is-smigħ ta' din il-kawża, l-Ingilterra, minn fejn l-attriċi kisbet it-titlu ta' barrister, ma baqgħetx membru tal-Unjoni Ewropea. Il-kawża tirreferi għal fatti akkwiżittivi, li kienu jintegraw l-elementi kollha ta' dritt partikolari, li seħħu kollha waqt li l-Gran Brittanja kienet għadha tifforma parti mill-istess Unjoni u għalhekk il-preżunzjoni hi li l-Qorti għandha tapplika l-liġi (id-Direttivi) kif kienet dak iż-żmien, għax si tratta ta' dritt akkwiżit[4], salv li hemm xi disposizzjoni tranżitorja fit-trattat ta' divorzju bejn l-Ingilterra u l-Unjoni. L-ebda waħda mill-partijiet kontendenti ma qanqlet din iċ-ċirkostanza u wisq inqas kif din tista' timpinġi fuq il-pretenzjoni tal-attriċi. Billi l-Qorti toqgħod strettament għal-limiti tal-kontestazzjoni, u m'għandhiex tressaq eċċezzjonijiet ġodda ex officio għajr f'ċerti ċirkostanzi limitati, il-Qorti sejra tapplika l-liġi kif kienet qabel il-Brexit.*

*L-għan tad-Direttiva 98/5 huwa li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni tal-avukat fi Stat Membru minbarra dak li fih inkisbet il-kwalifika professjonali.[5] Id-Direttiva toħloq żewġ kategoriji ta' avukatura transkonfinali: (i) Kull avukat jista' liberament, taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżu, jwettaq fl-Istat Membru ospitanti ċerti attivijiet partikolari.[6] (ii) Jista' wkoll jintegra kompletament fil-professjoni tal-Istat Membru*

---

[4] Dwar id-dritt tranżitorju, ara l-opra klassika ta' C.F. Gabba, *Teoria della Retroattività delle Leggi*, 1884

[5] Artiklu 1, para 1

[6] Elenkati fl-Artiklu 5 ta' Direttiva 98/5

*ospitanti.*[7] *L-integrazzjoni sħiħa ssir jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tal-Artiklu 10 tal-istess Direttiva.*

*Artiklu 10(1) jeżenta avukat li jkun ipprattika fl-Istat ospitanti għal tliet snin taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżu mill-kundizzjonijiet imposti fl-Artiklu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48/KEE. Din id-Direttiva ġiet imħassra fid-19.10.2007. Skont l-Art. 4(1)(b) Stat ospitanti kien jista' jitlob perjodu ta' addattament ta' 3 snin jew jimponi aptitude test minkejja li l-avukat ikollu l-kwalifiki akkademiċi minn pajjiżi ekwivalenti għal dawk tal-iStat ospitanti skont Art. 3 tal-istess Direttiva. Kif ġja` ngħad, fit-2005, din id-Direttiva ġiet sostitwita b'Direttiva 2005/36. Minflok Art. 4(1)(b), fid-Direttiva 2005/36, issa viġenti minflok Direttiva 89/48, hemm Artiklu 14 li jiffakoltizza lill-Istat ospitanti jimponi Compensation measures li jikkonsisti jew f'perjodu t'addattament ta' 3 snin inkella aptitude test. Sostanzjalment id-disposizzjonijiet tad-Direttiva l-ġdida huma l-istess bħal dawk tad-Direttiva l-antika.*

*L-attriċi targumenta li pprattikat għal minimu ta' 3 snin f'Malta u hi eżenti mill-aptitude test; ergo, għandha tingħata l-permess biex teżerċita l-professjoni t'avukat f'Malta. Ir-Regolament [**Recte:** Direttiva] 98/5 iżda ma jgħidx hekk. Huwa impostat fin-negattiv u mhux fil-pożittiv. Jgħid biss li avukat li jkun ipprattika għal minimu ta' 3 snin f'Malta jkun eżentat mill-compensation measures bħala kundizzjoni biex jiġi ntegrat b'mod sħiħ fil-professjoni t'Avukat fl-Istat ospitanti.* ***Dan ma jfissirx, iżda, li ma jistax ikun hemm kundizzjonijiet oħrajn.*** *Il-liġi teżentah mill-kundizzjoni partikolari tal-compensation, u mhux minn kundizzjonijiet oħrajn.*

*Dak li jagħmel ir-Regolament [**Recte:** Direttiva] 98/5 hu li fil-każ partikolari tal-avukati jneħħi l-impożizzjoni ta' compensation measures applikabbli għall-professjonisti in ġenerali li llum jinstabu fid-Direttiva 2005/36. Dawn il-compensation measures qegħdin hemm biex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe deficit li Stat ospitanti jista' jidhirlu li jkun hemm* ***fil-kwalifiki professjonali*** *tal-applikant. Tant hu hekk, li Paragrafu 42 tal-Preambolu tad-Direttiva 2005/36, wara li jgħid li "This Directive does not affect the operation of… Directive 98/5/EC… to facilitate practice of the profession of lawyer on a permanent basis in a Member State other than that in which the qualification is obtained", b'danakollu jissokta jgħid minnufih li "The recognition of professional qualifications for lawyers for the purpose of immediate establishment under the professional title of the host Member State should be covered by this Directive".*

*Artiklu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 jaqra hekk:*

> *"Jekk l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti huwa kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali, l-awtorita` kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tippermetti l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni,* ***taħt l-istess***

[7] Artiklu 2, Direttiva 98/5

> ***__kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu__***,[8] *lill-applikanti li għandhom l-attestazzjoni ta' kompetenza jew provi ta' kwalifiki formali meħtieġa minn Stat Membru ieħor biex jiksbu l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni fit-territorju tiegħu."*

*Mela skont Artiklu 13(1), ċittadini ta' Stat Membru li jkollhom kwalifiċi ekwivalenti għal dawk rikonoxxuti minn Stat Membru ospitanti* ***m'għandhomx dritt awtomatiku*** *li jiġu ammessi fil-professjoni rilevanti, imma biss dritt li l-kwalifiċi professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti bħala ugwali daqs dawk tal-Istat ospitanti u li għalhekk jitħallew jeżerċitaw il-professjoni* ***__taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu__****. Disposizzjoni li tapplika wkoll għall-avukati.*

*Il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li l-Art 13(1) suċċitat ma japplikax għall-avukati għaliex id-Direttiva 98/5 hija liġi speċjali li tidderoga mid-Direttiva 2005/36 li hija liġi ġenerali. Dan kien ikun il-każ li kieku ż-żewġ Direttivi jittrattaw preċiżament l-istess materja. B'danakollu, filwaqt li Direttiva 98/5 titratta* ***l-prattika tal-professjoni tal-avukati*** *bejn Stat membru u ieħor; id-Direttiva 2005/6 titratta* ***għarfien tal-kwalifiċi professjonali*** *tal-avukati u professjonijiet oħrajn bejn Stat membru u ieħor. Barra minn hekk, id-Direttiva 2005/6 ġiet ippromulgata* ***wara*** *d-Direttiva 98/5 u allura tieħu preċedenza bħala liġi posterjuri. Huwa minnu iżda li Paragrafu 42 tal-Preambolu tad-Direttiva 2005/6 iżomm fermi d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 98/5. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 98/5 tagħmel deroga espressa mill-ħtieġa ta' compensation measures voluti mid-Direttiva 2005/6* ***iżda mhux ukoll mill-bqija tad-dispożizzjonijiet tal-istess Direttiva 2005/6, fosthom l-Artiklu 13(1) suċċitat****, li, kif ġja` ngħad, jesiġi li l-applikant, apparti li jikseb il-kwalifiċi professjonali rilevanti, jassoġġetta ruħu għall-istess kundizzjonijiet oħrajn li kandidati ċittadini tal-Istat ospitanti jkunu jridu jissodisfaw. Li kieku tingħata l-interpretazzjoni tal-attriċi, tinħoloq sitwazzjoni fejn applikant barrani mhux biss jigi trattat bhal applikant lokali, imma addirittura jiġi ppreferut għalih.*

*Fil-każ partikolari ta' Malta, ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat mingħajr ma tingħata warrant wara li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artiklu 81 tal-Kap 12. Skont Art. 81(ċ), il-kandidat irid ikollu l-kwalifika ta' LLD jew kwalifika ohra fi grad ta' masters mill-Universita` ta' Malta __jew grad komparabbli__, rikonoxxut skont l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiċi (li jittrasponi Direttiva 2005/6). Imbagħad hemm kundizzjonijiet oħrajn, bħal kondotta tajba, għarfien tajjeb tal-Ilsien Malti, u eżami minn żewġ imħallfin, li jiċċertifikaw li l-kandidat ikollu l-kwalifiki meħtieġa u l-kompetenza biex jeżerċita l-professjoni t'Avukat fil-Qrati ta' Malta. M'hemm xejn fl-Artiklu 81 li jikser xi waħda miż-żewġ direttivi msemmija u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandux japplika għall-attriċi. Il-kwalifiċi tal-attriċi ġew rikonoxxuti u dan mingħajr il-ħtieġa ta' compensation measures. Il-kundizzjonijiet voluti mill-Art. 81(a)(b)(d)(e)(f) mhumiex*

[8] L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti

*compensation measures għaliex ma jirrigwardawx il-kwalifiċi professjonali, filwaqt li m'hemmx diverbju li l-kundizzjonijiet tal-Art. 81(ċ) huma sodisfatti.*

*Ikkunsidrat:*

*In vista tal-premess m'hemmx għalfejn li l-Qorti titratta r-raba' eċċezzjoni."*;

5. B'Rikors tal-Appell imressaq minnha fit-30 ta' Ġunju, 2021, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellanti qalet li ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u talbet lil din il-Qorti, prevja kull riferenza preliminari li jogħġobha tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea skont il-liġi sabiex tingħata interpretazzjoni definittiva dwar kull punt ta' dritt Ewropew li huwa in kontestazzjoni bejn il-partijiet[9], tħassar is-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet li għamlet fir-rikors maħluf tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2019, u li tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti meħtieġa għal rimedju xieraq, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

6. Għal dak l-appell, l-intimati laqgħu b'Risposta li ressqu fit-22 ta' Lulju, 2021, u li fiha u għar-raġunijiet hemm mogħtija, qalu li s-sentenza appellata hija xierqa u jistħoqqilha tkun konfermata billi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

[9] Fil-fatt, fir-Rikors tal-Appell tagħha, l-appellanti talbet lil din il-Qorti tagħmel Rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, iżda, b'verbal magħmul waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2022 (paġ. 224 tal-proċess) irtirat dik it-talba

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2022, f'liema smigħ ħalliet l-appell għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar talba biex persuna kwalifikata bħala *barrister* fir-Renju Unit tingħata għarfien u ċertifikat ta' prattika biex tissejjaħ u titħalla taħdem bħala avukat f'Malta. Fl-2015, wara li kien ilha mill-2010 tipprattika f'Malta u l-kwalifiki professjonali tagħha kienu magħrufa bil-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali fl-2014 biex taħdem bħala *barrister*, l-appellanti talbet lill-President tar-Repubblika tawtorizżaha li titħalla teżerċita l-professjoni tagħha f'Malta bħala "avukat" fuq is-saħħa tal-għarfien tal-professjoni tagħha ta' *barrister*, bla ma toqgħod għall-eżami għall-għoti tal-*warrant* kif maħsub fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-2019, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bagħat jgħarraf lill-avukat tagħha li, għar-raġunijiet hemm mogħtija, it-talba tagħha kif imressqa ma kinitx tista' tintlaqa'. L-Uffiċċju tal-President ta' Malta – li huwa l-awtorità nominata bil-liġi f'dak li jirrigwarda t-twettiq tal-professjoni legali f'Malta – ma bagħtilha l-ebda tweġiba għat-talba tagħha;

10. Illi l-Ewwel Qorti ma laqgħet l-ebda waħda mis-sitt talbiet li l-appellanti ressqet fir-rikors maħluf tagħha, minbarra li ħelset lill-Ministru intimat mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex sabet li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

11. Illi l-appellanti qajmet **ħames aggravji** mis-sentenza appellata. Bl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid li l-intimati kollha huma l-kontradittur leġittimi tal-azzjoni tagħha u għalhekk ma kellu jinħeles l-ebda wieħed minnhom mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fit-tieni aggravju hija tisħaq li d-Direttiva 98/5EEC m'għandha x'taqsam xejn mad-Direttiva 2005/36EC billi tal-ewwel hija liġi speċjali li tirregola qagħdiet partikolari waqt li tat-tieni hija liġi ġenerali li ma tmissx qagħdiet regolati mill-ewwel waħda. Fit-tielet aggravju l-appellanti tgħid li l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt id-Direttiva 98/5 ma tistax titqiegħed taħt xi kundizzjoni għal kollox nazzjonali bħalma hija dik imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li fir-raba' aggravju hija tisħaq li, bis-saħħa ta' dak li tipprovdi d-Direttiva 98/5, hija għandha l-kwalifiki biex titħalla tagħti s-servizzi professjonali legali f'Malta taħt is-sejħa ta' "*Avukat*", fil-ħames aggravju tgħid li hija ġarrbet dewmien u preġudizzju meta l-intimati appellati jew min minnhom u l-Awtorità Nazzjonali baqgħu għal tul ta' żmien ma weġbux għat-talba tagħha bla ma ċaħduhielha;

12. Illi fl-**ewwel aggravju** l-appellanti tikkontesta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet li l-Ministru intimat ma kellu x'jaqsam xejn mal-ilment imressaq minnha u mat-talba li kienet għamlet u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-appellanti tgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti, il-Ministru kellu jwieġeb għal dak li hija ġarrbet għaliex kien il-Ministru li naqas li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-każ tagħha lill-President ta' Malta u li kien il-Ministeru li studja t-talba tagħha u li kien ikkomunikalha l-pożizzjoni legali li fuqha t-talba tagħha ma ntlaqgħetx. L-appellanti tgħid, għalhekk, li l-istat ta' fatt li wassal għall-każ tagħha nħalaq mill-imġiba tal-Ministru intimat u għalhekk il-Ministru jmissu jitqies bħala kontradittur leġittimu wkoll tal-azzjoni attriċi;

13. Illi għal dan l-aggravju, l-intimati jwieġbu billi jisħqu li l-fatt li persuna jew dipartiment ministerjali jwettaq xogħol amministrattiv u jservi bħala intermedjarju bejn il-President (l-awtorità nominata mil-liġi għall-ħruġ tal-*warrant*) u min ikun applika għall-għoti tal-*warrant* ma jġibx b'daqshekk li d-deċiżjoni tkun ittieħdet mill-Ministeru u wisq anqas mill-Ministru, li fil-każ tal-appellanti ma kien imdaħħal bl-ebda mod. Ix-xogħol li jsir mill-Ministeru f'dak li għandu x'jaqsam mal-evalwazzjoni ta' talbiet li jsiru minn professjonisti legali li ġejjin minn pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropea jsir f'isem l-awtorità nominata u mhux f'isem il-Ministeru. Il-liġi nnifisha tgħid[10] li l-eżerċizzju tal-professjoni legali f'Malta jista' jitwettaq biss jekk

[10] Art. 79 tal-Kap 12

kemm-il darba jkun inħareġ *warrant* mill-President ta' Malta taħt is-Siġill Pubbliku ta' Malta u għalhekk, ladarba ma jistgħux jinfetħu kawżi kontra l-President dwar ħwejjeġ li jagħmel fil-qadi ta' dmirijietu[11], il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tal-appellanti kellu jkun l-Avukat tal-Istat, kif irid l-Artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Illi l-Qorti ssib li, minn qari tajjeb tal-atti tal-kawża, joħroġ ċar li l-Ministru ma kien imdaħħal f'xejn fil-ġrajjiet marbuta mat-talba tal-appellanti biex titħalla taħdem bħala avukat f'Malta. Ministru mhuwiex kap ta' dipartiment tal-gvern u għalhekk, bi tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jingħad li l-Ministru kellu jitħarrek biex iwieġeb għall-ilment tal-appellanti. Minbarra dan, l-appellanti fetħet il-kawża tal-lum wara li waslitilha ittra mibgħuta mill-Avukat Ġenerali f'Settembru tal-2019 li fiha ngħadilha x'kienet il-pożizzjoni fil-liġi dwar it-talba tagħha. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[12] l-appellanti tgħid li hija ħassitha aggravata mid-"deċiżjoni" komunikata lilha mill-Avukat Ġenerali. Din il-Qorti tqis ukoll li fl-imsemmija Nota ta' Sottomissjonijiet, l-appellanti ma ndirizzat bl-ebda mod l-eċċezzjoni mqajma mill-Ministru li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tagħha. La l-President ta' Malta bħala l-awtorità nominata u lanqas il-Ministru, ma ħadu xi deċiżjoni dwar dik it-talba. Għalhekk, lanqas mill-provi fl-atti u x'aktarx ukoll fil-fehma nnifisha tal-

---

[11] Art. 742A tal-Kap 12
[12] Paġ. 110 tal-proċess

appellanti, ma ntwera kif u għaliex kellu jkun il-Ministru li messu jwieġeb għal dak l-ilment tagħha;

15. Illi l-każ tal-appellanti jistrieħ kollu fuq it-talba tagħha li titħalla tipprattika l-professjoni legali bħala "avukat" f'Malta. L-ewwel talba tagħha tirreferi espressament għan-nuqqas tal-awtorità nominata u ma hemm l-ebda riferiment għall-Ministru. Sewwasew minħabba li l-President ta' Malta huwa l-awtorità nominata magħrufa biex tagħti permess biex persuna taħdem bħala avukat f'Malta, u minħabba li l-liġi ma tagħtix li wieħed imexxi kawża kontra l-President f'dak li jirrigwarda l-mod kif ikun qeda dmirijietu, allura f'każ bħal dan il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi huwa l-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta lill-Gvern fin-nuqqas ta' persuna oħra[13];

16. Illi l-istess ħaġa tgħodd għat-tieni talba attriċi safejn tirrigwarda t-tħaddim xieraq u skont il-liġi tad-Direttivi fis-seħħ u l-liġi Maltija li adottathom. B'mod partikolari, mill-atti tal-kawża ma ntweriex kif il-Ministru naqas b'xi mod, b'imġiebtu jew mod ieħor, li jħares dak li titlob il-liġi;

[13] Ara b'eżempju, App. Ċiv. **20.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Elton Taliana v. Onor. Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali*** §§ 27 – 9; App. Ċiv. **21.10.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Hompesch Station Ltd v. Korporazzjoni Enemalta et***; *u* App. Ċiv. **26.1.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Gabriella Fumia v. Direttur Ġenerali Veterinary & Phytosanitary Regulation Department et***

17. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju mhux mistħoqq u mhux se jintlaqa';

18. Illi l-Qorti se tqis **it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji** tal-appellanti flimkien minħabba r-rabta kbira li hemm bejniethom. F'dawn it-tliet aggravji l-appellanti tibda biex tgħid li billi d-Direttiva 98/5 hija għal kollox indipendenti mid-Direttiva 2005/36, ma kienx sewwa li l-awtorizzazzjoni taħt id-direttiva tal-1998 titqiegħed suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-2005 li hija "liġi ġenerali li ma tidħolx fis-sitwazzjonijiet regolati mill-ewwel direttiva" u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta qalet li biex persuna tkun tista' titħalla taħdem ta' avukat f'Malta l-kundizzjonijiet mitluba fiż-żewġ Direttivi għandhom jitqiesu flimkien. L-appellanti tgħid li, filwaqt li jista' jkun minnu li ż-żewġ Direttivi jikkumplimentaw lil xulxin, persuna bħalha (li kisbet kwalifiki barra minn Malta) li trid taħdem ta' avukat f'Malta jkun biżżejjed għaliha li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' waħda minnhom biex tista' tikseb l-għan tagħha. Dwar dan, issemmi xi deċiżjonijiet tal-Q.Ġ.U.E. biex issaħħaħ dan l-argument. Minbarra dan, fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanti tgħid li l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt is-saħħa tad-Direttiva 98/5 ma tistax tkun suġġetta għal kundizzjonijiet għal kollox nazzjonali bħalma huwa l-eżami tal-*warrant* għall-avukati kif imsemmi fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tqis li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 81 jammontaw għal "xejn anqas minn ksur tad-dritt Ewropew billi hija effettivament rifjut tal-

intimati li jagħtu effett għad-direttiva" u li t-traspożizzjoni ta' atti legali tal-Unjoni fil-liġi Maltija ma tistax tissoġġetta d-dispożizzjonijiet tal-atti tal-Unjoni għal-liġijiet oħra nazzjonali. Fir-raba' aggravju, tiġbor l-argumenti li għamlet fiż-żewġ aggravji ta' qablu u tgħid li hija għażlet li tressaq it-talba tagħha biex titħalla taħdem bħala "avukat" f'Malta fuq il-kwalifiki li jagħrfilha l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/5 u bis-saħħa ta' liema Direttiva jingħata effett għall-jedd ta' libertà ta' moviment ta' professjonisti legali li jkunu jistgħu jipprattikaw il-professjoni tagħhom f'kull pajjiż Imsieħeb fl-Unjoni;

19. L-appellati wkoll iqisu li l-imsemmija tliet aggravji huma msenslin flimkien u bil-qawwa kollha jikkontestawhom billi jgħidu li t-tifsira li l-appellanti qiegħda tagħti lid-Direttivi mhijiex dik tajba u li l-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti kien għaqli u sewwa għaliex ma hemm l-ebda konflitt f'dak li jgħidu d-Direttivi kif trasposti fl-ordinament legali f'Malta u dak li jitlob il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jixlu lill-appellanti li f'din l-istanza bidlet il-linja tal-ħsieb u nqatgħet minn dak li kienet talbet meta ressqet ir-rikors li bih bdiet il-kawża. Huma jisħqu li din il-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak li ntalab u fil-limiti tal-kontestazzjoni oriġinali u mhux fuq argumenti li l-appellanti twebblet bihom hi u miexja l-kawża. B'mod partikolari, l-appellati jwarrbu l-argument tal-appellanti li d-Direttivi huma miftuma minn xulxin u indipendenti l-waħda mill-oħra: jippreċiżaw li filwaqt li d-Direttiva 98/5 tirregola l-mod kif avukati jipprattikaw f'pajjiż

Imsieħeb fl-Unjoni taħt it-titolu professjonali li jintuża f'pajjiżhom (l-hekk imsejjaħ "*home-country professional title*"), id-Direttiva 2005/36 tirregola l-mod kif professjonisti (magħduda magħhom avukati) jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni taħt it-titolu professjonali tal-pajjiż Imsieħeb li jkunu marru jgħixu fih (l-hekk imsejjaħ "*host-country professional title*"). Juru kif id-dispożizzjonijiet tal-istess żewġ Direttivi – premessa ('*recital*') 42 tad-Direttiva 2005/36 u premessa ('*recital*') 2 tad-Direttiva 98/5 – jagħmluha ċara liema Direttiva trieġi liema kategorija. Fil-każ tal-appellanti li trid taħdem bħala "avukat" meta hija kwalifikata fir-Renju Unit bħala "*barrister*", l-appellati jgħidu li jgħoddu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36 u mhux dawk tad-Direttiva 98/5;

20. Minbarra dan, huma jressqu l-argument li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/5 innifsu ma jneħħux il-ħtiġijiet imsemmija fid-Direttiva 2005/36 f'każijiet bħal dak tal-appellanti imma jridu li, f'ċerti ċirkustanzi, jeżentaw biss id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48 (li llum il-ġurnata ddaħħlet minflokha d-Direttiva 2005/36) f'dak li jirrigwarda l-"*aptitude test*" fuq xi applikant dwar il-kwalifiki akkademiċi tiegħu. Kemm hu hekk, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-2005 (li fuqu nbena kelma b'kelma r-regolament 15(1) tal-Avviż Legali 422/07[14]) jitlob li l-awtorità nominata għandha tħalli li jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha. F'dan ir-rigward, fl-imsemmi regolament

[14] L.S. 451.03

15(1) jintuża l-kliem "bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini Maltin .. .. skont il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dak l-Istat Membru". Skond l-appellati, l-għoti ta' *warrant* biex persuna tista' taħdem bħala avukat li jidher quddiem il-Qrati Maltin – bħalma l-appellanti qiegħda titlob li tingħata fil-kawża tagħha – jiddependi mill-ħtiġijiet mitluba mil-liġi (sostanzjalment dawk imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) għal dawk iċ-ċittadini Maltin li jixtiequ jiksbu l-*warrant*. Billi l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 81 huma kumulattivi, il-kwalifiki akkademiċi waħedhom tal-persuna li tapplika biex tingħata l-*warrant* mhumiex biżżejjed, imma hemm ukoll, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li dik il-persuna toqgħod għal eżami ta' ħila u tkun approvata għaldaqshekk minn żewġ imħallfin bħala "kompetenti biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-qrati ta' Malta"[15]. Dak l-eżami, għall-kuntrarju tal-"*aptitude test*" (test ta' kapaċità, kif imfisser fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-2005), mhuwiex miżura kompensattiva tal-kwalifiki akkademiċi tal-persuna barranija mħajra biex taħdem bħala avukat f'Malta, iżda kriterju oġġettiv u meħtieġ li jgħodd għal kull min irid jaħdem bħala avukat fil-Qrati ta' Malta bil-ħruġ tal-*warrant* opportun. Itemmu jgħidu li l-fatt li l-appellanti kellha l-kwalifika ta' "*barrister*" biex tidher quddiem il-qrati fir-Renju Unit ma jissarrafx b'daqshekk fi "kwalifika" ekwivalenti awtomatika li tista' tqabbilha mal-*warrant* maħruġ biex persuna tista' tipprattika bħala avukat quddiem il-qrati Maltin. L-għoti ta' *warrant* isir bħala għoti ta' liċenza

---

[15] Art. 81(1)(f) tal-Kap 12

msejsa fuq l-interess pubbliku dwar l-għarfien (‘*knowledge*’) tal-liġi proċedurali f’Malta u ħtieġa ta’ karattru morali u ta’ integrità tal-persuna li tixtieq tiksibha;

21. Din il-Qorti tqis li dawn it-tliet aggravji huma l-qofol tal-kwistjoni kollha li qamet bejn l-appellanti u l-awtoritajiet Maltin dwar ix-xewqa tagħha li taħdem bħala ‘avukat’ f’Malta. Kif joħroġ mill-atti, l-appellanti ma kellha l-ebda diffikultà li, bil-kwalifiki li kisbet minn barra minn Malta, hija setgħet u fil-fatt kienet taħdem f’Malta bħala “*barrister*” u kienet hekk reġistrata biex tipprattika f’Malta l-professjoni legali taħt it-titolu tal-pajjiż tal-oriġini. L-għawġ inqala’ meta, wara li kienet ilha xi snin taħdem f’Malta b’dak il-mod, ressqet talba mal-awtoritajiet intimati biex tingħata l-*warrant* biex taħdem bħala ‘avukat’ f’Malta, bis-saħħa tal-kwalifiki li kisbet minn barra u bla ma toqgħod għall-eżami tal-*warrant* kif jitlob l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

22. Minn dak li joħroġ mit-tliet aggravji tagħha, l-appellanti tqis li t-tħaddim waħdu tad-Direttiva 5 tal-1998 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] (minn issa ’l hemm imsejħa “id-Direttiva tal-1998”) u b’mod partikolari tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 273 tal-2002[17] li bis-saħħa tiegħu dik id-Direttiva kienet trasposta biex tagħmel parti mil-liġi ta’ Malta, kien biżżejjed biex tintlaqa’ t-talba tagħha li, minn “*barrister*” li kienet

[16] Ġ.U. L77/36 (14.3.1998) f’paġġ. 83 – 90 (Celex 31998L0005)
[17] Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta’ Professjoni Legali (L.S. 12.17)

qiegħda taħdem f'Malta għal għadd ta' snin, setgħet tikseb għarfien formali biex tissejjaħ "*avukat*" li tista' taħdem bħal kull avukat ieħor liċenzjat f'Malta;

23. Il-Qorti tqis li, filwaqt li huwa minnu li kulma teħtieġ persuna professjonista legali, taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-1998[18], biex titlob ir-reġistrazzjoni f'pajjiż ospitanti biex titħalla teżerċita t-titolu professjonali tagħha li jintuża f'pajjiżha, huwa "ċertifikat li jkun jixhed għar-reġistrazzjoni tiegħu mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru lokali domestiku", mhux l-istess jgħodd biex persuna bħal dik tista' titlob biex titħalla teżerċita l-professjoni legali taħt it-titolu professjonali li jkun jikkorrispondi ma' dak mogħti fil-pajjiż ospitanti[19]. Għalhekk ingħad li "*għandha ssir distinzjoni, minn naħa, bejn ir-reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' avukat li jixtieq jeżerċita l-professjoni tiegħu f'dan l-Istat Membru, taħt it-titolu professjonali tal-oriġini tiegħu, li hija suġġetta biss, konformement mal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva, għas-sempliċi kundizzjoni msemmija fil-punti 26 u 28 ta' din is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju nnifsu tal-professjoni ta' avukat fl-imsemmi Stat Membru, li matulu dan l-avukat huwa suġġett, bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva, għar-regoli tal-kondotta professjonali applikabbli fl-istess Stat Membru*"[20];

[18] Trasposta fil-liġi tagħna fir-reg. 4(1)(2) tal-L.S. 12.17
[19] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) **17.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***ngelo Alberto Torresi v. Consiglio dell'Ordine degli Avvocati di Macerata*** (C-58/13) § 56
[20] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) **7.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Monachos Eirinaiois noe v. Dikigorikos Syllogos Athinon***(Każ. C-431/17) § 31

24. Kemm hu hekk ingħad b'mod ċar sa minn żmien ilu mill-Q.Ġ.U.E. li "*għandu jiġi kkonstatat li la d-Direttiva 89/48 u lanqas id-Direttiva 98/5 ma jopponu l-applikazzjoni, fil-konfront tal-persuni kollha li jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat fit-territorju ta' Stat Membru, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-aċċess għall-professjoni, ta' dipożizzjonijiet nazzjonali, kemm jekk dawn ikunu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, iġġustifikati mill-interess ġenerali bħal regoli ta' organizzazzjoni, ta' etika, ta' kontroll u ta' responsabbiltà*"[21]. F'dak il-każ u f'ieħor jixbhu[22] l-għoti ta' permess biex persuna taħdem bħala avukat fl-Istat Imsieħeb ospitanti kien suġġett għall-kundizzjoni li l-persuna tkun imsieħba fil-kamra tal-avukati tal-pajjiż ospitant;

25. Mill-ġabra ta' prinċipji li joħorġu mill-Q.Ġ.U.E. fir-rigward tal-kwistjoni li issa tinsab quddiem din il-Qorti, imissu jkun ċar li dak li l-appellanti ppretendiet meta ressqet it-talba tagħha lill-awtoritajiet kompetenti biex it-titolu tagħha ta' "*barrister*" jissarraf f'permess biex taħdem f'Malta bħala "*avukat*", ma kienx mistħoqq. Il-fatt li hija kienet ħadmet f'Malta għal għadd ta' snin bil-kwalifika professjonali (b'differenza mill-kwalifiki akkademiċi li kellha biex kisbitha) ta' "*barrister*" ma kienx

---

[21] Q.Ġ.U.E. (4ª' Awla) **3.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Donat Cornelius Ebert vs Budapesti Ügyvédi Kamara*** (Każ. C-359/09) § 40
[22] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) **7.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Monachos Eirinaiois noe vs Dikigorikos Syllogos Athinon*** (f'dan il-każ, iċ-ċaħda tal-awtorità nazzjoniali griega biex l-applikant jintlaqa' fil-kamra tal-avukati ta' Ateni kienet imsejsa fuq il-fatt li huwa kien raħeb membru ta' ordni reliġjuż)

jagħtiha jedd awtomatiku li titlob, u tingħata, il-liċenza (‘*warrant*’) li biha tista’ taħdem ta’ “*avukat*” f’Malta. U dan lanqas id-Direttiva tal-1998 ma tgħidu. Għalhekk, safejn l-appellanti ċċitat ukoll siltiet minn sentenza tal-Q.Ġ.U.E. favur dan l-argument tagħha, din il-Qorti ma taqbilx li dawk is-siltiet ċitati joqogħdu mal-prinċipji aktar ċari tas-siltiet imsemmija hawn fuq u ssib li ttieħdu barra mill-qafas xieraq tagħhom;

26. Quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellati qajmu l-argument li l-appellanti ma setgħetx tistrieħ fuq x’tgħid id-Direttiva tal-1998 għaliex jgħidu li dik tgħodd biss fil-każ fejn persuna bi kwalifiki professjonali miksuba f’pajjiż Imsieħeb tmur f’pajjiż ieħor Imsieħeb biex tipprattika dik il-professjoni taħt it-titolu mnejn kisbitu u mhux taħt it-titolu tal-pajjiż li marret fih. B’mod partikolari, huma qalu li wieħed kellu jimxi ma’ dak li tgħid id-Direttiva 36 tal-2005 tal-Kummissjoni[23] (minn issa ’l hemm imsejħa “id-Direttiva tal-2005”), kif tgħid waħda mill-premessi tagħha[24]. Huma jindikaw li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva jinsabu llum trasposti fir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki Professjonali[25] li, f’wieħed mir-regolamenti tagħha[26] jagħmilha ċara x’titlob il-liġi biex persuna bħall-appellanti tkun tista’ tingħata l-permess li taħdem bħala professjonist legali f’Malta taħt it-titolu professjonali ta’ “*avukat*” f’Malta. Itennu li, f’ċirkostanzi bħal dawk, il-liġi tagħmilha ċara li

[23] Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali (Ġ.U. 30.9.2005 f’paġġ. 22 – 142) kif emendata bid-Dir. 2006/100KE (Celex 32005L0036)
[24] Premessa 42
[25] A.L. 422 tal-2007 (L.S. 451.03)
[26] Reg. 15 ta’ L.S. 451.03

l-appellanti u persuni li jixtiequ jagħmlu bħalha, iridu joqogħdu wkoll għall-kundizzjonijiet li jkunu jgħoddu għaċ-ċittadini Maltin li jridu jiksbu l-*warrant* ta' "*avukat*" f'Malta. Huwa minħabba f'hekk li huma jqisu li l-ħarsien tal-ħtiġijiet kollha mitluba mill-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ċirkostanza li, mhux biss hija magħrufa mid-Dritt Komunitarju, iżda hija ġustifikata u tiżgura li kulħadd ikun ittrattat l-istess;

27. L-Ewwel Qorti jidher li tbiegħdet mill-argument tal-appellati u mxiet mad-Direttiva tal-1998 ukoll fil-każ tal-appellanti u sabet li lanqas taħt dik id-Direttiva (u r-regolamenti li nħarġu f'Malta dwarha) l-appellanti ma kellha l-jedd li tikseb il-*warrant* li tissejjaħ u taħdem bħala "avukat" f'Malta fuq is-saħħa tal-kwalifiki akkademiċi tagħha li kisbet barra minn Malta u lanqas fuq il-fatt li kienet ilha taħdem f'Malta għal xi snin qabel ressqet it-talba tagħha għar-reġistrazzjoni mal-appellati. Imma dik il-Qorti mxiet ukoll ma' dak li tgħid id-Direttiva tal-2005, l-aktar fejn jirrigwarda aċċess għall-eżerċizzju ta' professjoni fuq kwalifiki professjonali speċifiċi[27]. U hemmhekk, bħalma ssemma qabel, sabet li, għall-għoti ta' aċċess bħal dak, persuna bħall-appellanti kellha toqgħod għall-istess kundizzjonijiet li jgħoddu għal dawk il-Maltin li jridu jaħdmu bħala avukati f'Malta;

28. Din il-Qorti jidhrilha li l-eżerċizzju magħmul mill-Ewwel Qorti dwar it-tħaddim tal-liġi t-tajba fil-kwistjoni mqajma mill-appellanti kien wieħed

[27] Ara Art. 13(1) tad-Diretttiva u reg 15 ta' L.S. 451.03

għal kollox f'postu.  Bla ma din il-Qorti ttenni dak kollu li ssemma fl-atti miktuba quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jmorrux kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi fuq imsemmija u lanqas kontra l-prinċipji ewlenin tad-Dritt Ewropew kif imfissra mill-Qrati Komunitarji u kif intwera aktar 'il fuq f'din is-sentenza.  Kienet tkun storja oħra li kieku l-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 81 kienu jintalbu biss fil-konfront ta' persuni professjonali barranin li jridu jistabbilixxu rwieħhom f'Malta u jeżerċitaw il-professjoni legali taħt il-"*host-country professional title*";

29. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tliet aggravji ma jirriżultawx mistħoqqa u mhix se tilqagħhom;

30. Illi fil-**ħames aggravju** tagħha, l-appellanti tilminta mill-fatt li l-awtoritajiet intimati damu ħafna biex wieġbu formalment għat-talba tagħha.  Hija żżid tgħid li kien jaqa' fuq l-awtorità nominata li mhux biss tagħtiha tweġiba fiż-żmien raġonevoli li ssemmi l-liġi, imma wkoll li t-tweġiba li tingħata jkun fiha r-raġunijiet tad-deċiżjoni meħuda biex b'hekk setgħet tinqeda bir-rimedju tal-appell minn dik id-deċiżjoni[28].  Hija tgħid li, sa ma waslitlilha t-tweġiba mill-intimat Avukat tal-Istat, hija ma kellha l-ebda mod kif setgħet tmexxi l-każ tagħha għall-istħarriġ ġudizzjarju, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ meta persuna tibqa' ma tingħatax tweġiba għal

[28] Reg 11(2) tal-L.S. 12.17

talba tagħha taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għal għemil amministrattiv taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba f'hekk, tisħaq li ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsin fl-Artikolu 15, 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

31. Għal dan l-aggravju l-appellati laqgħu billi qalu li, bosta drabi qabel ħarġet it-tweġiba mibgħuta lilha f'Settembru tal-2019, l-appellata kienet mgħarrfa li, biex it-talba tagħha biex taħdem bħala "avukat" f'Malta setgħet tintlaqa', riedet toqgħod għall-eżami tal-*warrant* kif maħsub fl-Artikolu 81(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, l-appellati jgħidu li l-appellanti ma kellha l-ebda jedd ta' deċiżjoni formali u li l-ilmenti tagħha ta' ksur tal-jeddijiet taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jgħoddux għall-każ;

32. Il-Qorti tqis li l-ebda waħda mill-ħames (5) talbiet imressqa mill-attriċi meta fetħet din il-kawża ma kienet tirrigwarda t-teħid taż-żmien mhux raġonevoli biex ingħatat tweġiba għat-talba tagħha li titħalla taħdem bħala "avukat" f'Malta. Minħabba f'hekk, lanqas l-Ewwel Qorti ma qieset din il-ħaġa. Minbarra dan, wara li qieset il-mertu tat-talbiet tal-attriċi, l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex għalfejn tqis ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati li kienet titkellem dwar il-ksur tal-jeddijiet tal-attriċi taħt il-Karta. Ladarba dan huwa l-każ, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra aggravju li ma

jirrigwardax xi ħaġa deċiża fis-sentenza appellata, u jidhrilha li t-tqanqil ta' dan il-ħames aggravju kien għal kollox irritwali;

33. Għalhekk, dan l-aħħar aggravju wkoll se jitwarrab bħala mhux mistħoqq;

***Decide:***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attriċi appellanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza, magħdud il-kap tal-ispejjeż; u

**Tordna** li l-appellanti tħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr